MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2011

Appell Civili Numru. 1774/1999/1

**Onor. Ninu Zammit**

**v.**

**Onor. Noel Farrugia**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fit-3 ta' Awwissu, 1999, li taqra hekk:

"Peress illi b'"Media Release" pubblikata fit-28 ta' Lulju, 1999 intitolat "Il-Ministru Ninu Zammit Jahbi" - ta' liema pubblikazzjoni l-konvenut hu l-awtur - gew attribwiti fatti

determinati foloz u malafamanti fil-konfront tal-attur bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama tieghu u li jesponuh ghar-redikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku (Dok A);

“U peress illi l-attur bhala l-parti malafamata u offiza ghandha d-dritt ghad-danni kkontemplati fl-Artikolu 28 tal-Ligi tal-Istampa (Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta’ Malta);

“Li jghid il-konvenut ghaliex:-

“1. M’ghandux jigi ddikjarat u deciz minn dina l-Qorti illi l-pubblikazzjoni suriferita tat-28 ta’ Lulju, 1999 hija libelluza u malafamanti fil-konfront tal-attur u li tesponih ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku; u

“2. M’ghandux jigi kkundannat minn dina l-Qorti jhallas lill-attur dik is-somma li tiffissa l-istess Qorti f’ammont li ma jaccedix hames telef lira (Lm5000) bhala danni ghall-malafama b’applikazzjoni tal-Artikolu 28 tal-Ligi tal-istampa (Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta’ Malta);

“Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa qed jigi ngunt ghas-subizzjoni;”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa illi:

“1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li fil-“media release” tieghu tat-28 ta’ Lulju 1999 l-eccipjent jaghti l-fatti kif irrizultaw lilu u jaghmel kummenti li jitqiesu bhala ‘fair comment’, dwar kwistjoni ta’ interess pubbliku, liema kummenti huma accettabbli f’socjeta’ demokratika kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

“2. Salv eccezzjonijiet ohra.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta’ Ottubru 2008, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens li gej:

"…billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet kollha attrici u tiddkjara li l-istqarrija in kwestjoni hi libelluza u malafamanti fil-konfront tal-attur u li tesponih ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elfejn euro (€2000) bhala danni ghall-malafama u dana bl-applikazzjoni tal-artikolu 28 tal-Ligi tal-Istampa (Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta) u bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

"Spejjes kollha kontra l-konvenut."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Fic-citazzjoni l-attur jghamel referenza ghal komunikat tal-istampa li l-konvenut kien l-awtur tieghu u li gie pubblikat fit-28 ta' Lulju, 1999. Dan il-komunikat kien intitolat "Il-Ministru Ninu Zammit Jahbi." L-attur jippremetti li f'din il-pubblikazzjoni l-konvenut attribwilu fatti determinati li huma foloz u malafamanti u dan bl-iskop li jesponuh ghar-redikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku. L-attur jippremetti ukoll li skond il-ligi huwa ghandu dritt ghad-danni u ghalhekk qed jitlob li jigi ddikjarat li l-imsemmija pubblikazzjoni hi libelluza u malafamanti fil-konfront tieghu. Qed jitlob ukoll li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu dik is-somma li tiffissa l-Qorti bhala danni relattivi u dana skond il-provedimenti rilevanti tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta;

"Fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu l-attur jispecifika li t-titolu fih innifsu tal-istqarrija in kwestjoni hu libelluz. Dejjem skond l-attur, hi libelluza ukoll dik il-parti tal-istqarrija fejn jinghad - "… fuq inizjattiva tal-Ministru Ninu Zammit meta esporta 471 tunnellata Sante b'kundizzjoni ta' 'out right purchase' b'detriment li tellef madwar LM80,000 lill-bdiewa" kif ukoll il-kliem – "Fatt stramb iehor huwa kif ftit gimghat ilu l-Ministru Ninu Zammit kien ta indikazzjonijiet li l-prezz ghall-bdiewa se jkun dak Lm14.20 il-qantar…" u "Ghaldaqstant il-Ministru Zammit ghandu jghid pubblikament lill-bdiewa…fejn ghosfru l-eluf

ta’ l-over price li l-bdiewa suppost hadu fuq l-esportazzjoni ta’ 471 tunnellata Sante bikrija.” L-attur ikompli jiddikjara li huwa jichad bhala foloz dawn l-allegazzjonijiet u inoltre, dejjem skond l-attur, il-konvenut, li kien jokkupa qabblu l-kariga ta’ Ministru tas-Sajd u Biedja, kien jaf li l-imsemmija allegazzjonijiet li ghamel huma ghall kollox inveritjeri;

“Il-konvenut eccepixxa li fl-istqarrija in kwestjoni huwa jaghti fatti kif irrizultawlu u jaghmel kummenti li ghandhom jitqiesu bhala ‘fair comment’ fuq kwistjoni ta’ interess pubbliku, Dawn il-kummenti huma accettabbli f’socjeta’ demokratika;

“Minn esami tal-komunikat ghall-istampa in kwestjoni, li nhareg bil-firma tal-konvenut, jirrizulta li t-titolu jirreferi ghal fatt li skond il-konvenut, l-attur “qed jahbi” kemm kien l-“over price” ghall-bdiewa fuq l-ewwel 3000 tunnellata ta’ patata “Alpha” esportati lejn l-Olanda u dan sar appositament sabiex l-attur ma jghamilx referenza ghar-rizultati li kienu nkisbu bhala konsegwenza ta’ kuntratt li kien sar mill-amministrazzjoni precedenti, meta l-istess konvenut kien jokkupa l-kariga ta’ Ministru responsabbli mill-Bidja. L-istqarrija tkompli tippreciza li l-attur ried li ma jinhaxx il-fjask li sar meta l-attur esporta 471 tunnellata patata “Sante’” b’“outright purchase” bil-konsegwenza, skond il-konvenut, li l-attur tellef circa Lm80000 lill-bdiewa. Il-konvenut jiddefinixxi “fatt sramb” li ftit zmien qabel l-attur kien indika li l-prezz ghall-bdiewa kien ser ikun Lm14.20 il-qantar mentri sa issa l-istess attur ghadu ma kkonfermax ser ikun dan il-prezz. Finalment il-konvenut jiddikjara li l-attur ghandu jghid kemm kien l-imsemmi “over price” fuq l-ewwel 3000 tunnellata “alpha” u x’sar minnu l-“over price” li l-bdiewa suppost hadu fuq il-471 tunnellata patata bikrija;

“F’din l-istqarrija l-konvenut basikament qed jghid li l-attur qed jahbi informazzjoni bil-ghan li jnessi, ghar-rigward tal-espotazzjoni tal-patata, dak it-tajjeb kollu li kisbet l-amministrazzjoni precedenti. Skond il-konvenut l-attur ukoll ma kkumentax dwar dak li l-konvenut isejjah bhala “fjask” meta gew esportati mill-attur jew l-amministrazzjoni tieghu, b’ “outright purchase” kwantita’ ta’ patata bikrija

tat-tip “sante’” b’konsegwenza li l-bdiewa tilfu eluf ta’ liri. Il-konvenut jikkritika lill-attur fis-sens li l-istess attur kien ghadu ma kkonfermax il-prezz meta ftit taz-zmien qabel kien indika x’kien ser ikun tali prezz. Finalment skond il-konvenut l-attur ghandu jiddikjara kemm kien l-“over price” fuq l-imsemmija l-ewwel konsenja tal-patata “alpha” u x’kien sar mill-“over price” fuq il-patata bikrija;

“Meta l-konvenut xehed f’dawn il-proceduri huwa qal li principalment ried jikkritika lill-attur dwar il-fatt li l-patata bikrija nbieghet b’ “outright purchase” u b’hekk l-bdiewa kienu skoperti peress li ma kienx gie negozjat prezz minimu garantit u dan fiz-zmien meta l-patata ggib l-ahjar prezzijiet. Ghalhekk skond il-konvenut il-prezzijiet gew negozjati b’mod hazin. Sa hawnhekk ma hemm xejn libelluz f’dak li stqarr il-konvenut fil-konfront tal-attur. Dawn huma kummenti u kritika li tista titqies bhala “gusta” dwar l-operat tal-attur, bhala l-ministru responsabbli, fl-espotazzjoni tal-patata bikrija maltija lejn l-Olanda;

“Il-konvenut pero’, fl-istqarrija, ma waqafx hawn u ghamel insinwazzjonijiet li in effett mhux ibbazati fuq il-fatti kif graw. Specifikament il-konvenut stqarr li l-attur kien qed jahbi certa informazzjon u li l-operat tal-istss attur  wassal biex jintilfu eluf ta’ liri intizi ghal bdiewa. Il-konvenut ibbaza l-kalkoli tieghu fuq ricevuti li kienu jindikaw kemm kienet qed tinbiegh il-patata l-Olanda. Il-konvenut okkupa l-kariga ta Ministru tal-Bidja u ghalhekk missu jaf li tali kalkoli ma jistghux isiru a bazi tal-prezz li bih kienet qed tinbiegh il-patata lill-konsumatur olandiz. Il-konvenut jaf tajjeb li hemm diversi fatturi li jinfluwenzaw dawn il-prezzijiet u cioe’ il-kwantita ta’ patata esportata, l-qligh tal-importatur olandiz, il-kambju u spejjez konnessi mal-espotazzjoni. Inoltre ma jirrizultax li fis-sena partikolari kien hemm xi telf;

“Jirrizulta li l-prezz ghall-patata “sante’” kien gie negozjat b' “outright puchase” cioe skond il-prezz tas-suq fil-mument partikolari. Pero’ kien gie ukoll negozjat prezz minimu garantit. L-attur, f’dan ir-rigward, ikkonferma li l-prezz ghal-patata “sante’” ghar-rigward tal-istagun in kwestjoni kien prezz “record” u konsegwentement il-

bdiewa ma tilfu xejn anzi ggwadanjaw fuq is-snin precedenti. F’dan l-attur bl-ebda mod ma gie kontradett. Inoltre ghar-rigward ta’ certu tip ta’ patata kien hemm kuntratt negozjat mill-ammistrazzjoni precedenti u kwindi l-prezz kien gia stabbilit. Fl-offerta li saret ghar-rigward tat-tip l-iehor ta’ patata kien hemm prezz minimu garantit u dana skond il-kwantita esportata, pero’ l-bidwi jithallas prezz wiehed u l-prezz ghal-bidwi ma jvarjax skond il-kwantita esportata;

“L-“over price” hi d-differenza bejn il-prezz minimu garantit kif miftiehem u l-prezz effettiv li bih tkun giet esportata l-patata. Dan l-“over price” jigi kkalkulat fuq il-kwantita’ kollha ta' patata li tkun giet esportata fi stagun wiehed. Inoltre kif gia gie rilevat mill-prezz minimu garantit iridu jitnaqqsu diversi spejjez. Wiehed isir jaf jekk hemm “over-pricing” wara li in effett tinbiegh il-patata espotata kollha u dana peress li f’dak il-mument biss wiehed jista jkun jaf jekk l-prezz effettiv qabix il-prezz minimu garantit. Gie konfermat li l-prezz tal-patata gie pubblikat wara li jinghalqu n-negozjati ma l-importaturi ta' l-Olanda;

“Dawn huma kwestjonijiet teknici li ghal dawk li jahdmu f’dan il-qasam facilment jiftiehmu, pero’ l-pubbliku in generali ma jifhimhomx mill-ewwel. Il-konvenut pero’, minhabba l-esperjenzi precedenti tieghu, kien jaf tajjeb dan kollu u ghalhekk seta evita li jghamel certi kummenti fl-istqarrija in kwestjoni li ma kinux bazati fuq fatti u saru biss bl-iskop li jintefa dawl ikrah fuq l-attur. B’mod partikoari meta jsemmew eluf ta’ liri li ntilfu u li l-over pricing “osfor.” Indubbjament meta jissemmew il-flus u jsiru domandi dwar allegat telf ta’ somom kbar ta’ flus u dwar x’sar minnhom ammnti ohra ta’ flus, anke jekk il-bazi tkun kwestjoni teknika, dan mill-ewwel iqajjem interess fil-pubbliku. Ghalhekk in-nies bejnithom jibdew jitkellmu u jghamlu domandi fuq dak li ntqal l-istqarrija;

“Jirrizulta li, fl-istagun in kwestjoni, gew espotati lejn l-Olanda aktar minn sebat elef tunnellata patata, li minnhom 471 tunnellata kienu “sante’” u l-kumplament “alfa”. Ma jirrizulta xejn li jista jigi konsidrat bhala irregolari fl-espotazzjoni tal-patata fl-istagun in kwestjoni. Zgur li ma

jirrizultax li "osfru" xi flus ghar-rigward tal-istess esportazzjoni. Tenut kont tar-rizultanzi anke t-titolu tal-istqarrijja jista jigi konsidrat bhala inveritjer. Ma jirrizultax li l-attur ghamel xi tentattiv biex jahbi xi informazzjoni jew li huwa dam biex habbar il-prezz tal-patata, li in effett thabbar fit-30 ta' Lulju 1999. Inoltre f'dan ir-rigward il-konvenut jikkontradici lilu nnifsu. In effett fl-istqarrija in kwestjoni il-konvenut jghid li l-attur naqas li jiddikjara il-prezz tal-patata, u sussegwentement, meta xehed f'dawn il-proceduri, huwa ddikjara l-attur kien effettivament qal li l-prezz kien ta' Lm14.20 il-qantar;

"F'kawzi bhal presenti, u cioe' f'kawzi ta' libell, hemm bilanc li ghandu jinzamm bejn id-dritt, f'socjeta demokratika, li wiehed jghid u jesprimi ruhhu u jsemma l-opinjoni tieghu bl-aktar mod liberu u bejn id-dritt ta kull cittadin li jgawdi r-reputazzjoni u l-isem tajjeb tieghu u dan dejjem fl-isfond ta' socjeta demokratika. Dan gie diversi drabi ritenut mill-Qrati taghna. (Ara Vincent Borg vs Victor Camilleri – Qorti tal-Appell Civili – 15 ta' Novembru 1994). Kullhadd ghandu jkollu l-liberta' li jghid dak li jhoss li ghndu jghid, pero' tali liberta' ma ghandha qatt twassal ghat-tnaqqis tar-reputazzjoni u tal-gieh ta' cittadini ohrajn l-aktar jekk jigu attribwiti atti inveritjeri. Appuntu gie ukoll ritenut li l-liberta' tal-espressjoni taqbez il-konfini ta dak li hu ragjonevoli u minflok issir ksur tad-drittijet ta' haddiehor appuntu fejn l-espressjoni tkun ibbazata fuq fatti mhux veri. (Ara Onor. Charles Buhagiar vs Ray Bugeja – Prim'Awla – 19 ta' Jannar 1966);

"Hawnhekk trid ukoll issir distinzjoni bejn "allegazzjoni ta' fatt" u "kumment". Meta ssir difiza li tirreferi ghal verita' tal-fatti, l-fatt ghandu jigi pruvat. Meta issir difiza dwar kumment gust ghandha ssir il-prova li dak il-kumment hu appuntu gust u mghamul in bona fede. Tali kumment ma jista qatt jkun gust u in bona fede jekk il-fatti attribwiti ma jkunux veri;

"In vista ta' dan kollu jirrizulta sufficjentement li l-istqarrija in kwestjoni hi libelluza fil-konfront tal-attur. L-istqarrija zgur li ma tistax jitqies bhala kumment gust u maghmula in bona fede b'mod partikolari peress li hi bbazata fuq fatti

li ma gewx pruvati bhala veri. Minhabba f'hekk lanqas ma jista jinghad li l-istqarrija in kwestjoni hi espressjoni ta' opinjoni dwar kwestjonijiet ta' interess pubbliku u li hi accettabbli f'socjeta demokratika. Ghalhekk l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut ma jistghu qatt jigu akkolti;

"Mill-banda l-ohra jirrizulta sufficjentement pruvat li l-istqarrija in kwestjoni hi libelluza u malfamanti fil-konfront tal-attur u ghalhekk it-talbiet kollha tal-attur ghandhom jigu akkolti;

"In vista ta' dak kollu li gie premess, in vista tac-cirkostanzi specjali tal-kaz u tar-rizultanzi u in vista tal-fatt li c-cirkostanzi meritu tal-istqarrija kienu ben mgharufa lill-konvenut, li seta ukoll facilment jivverifika qabel ma ppubblika l-istqarrija in kwestjoni, l-ammont tad-danni li ghandu jigi likwidat hu fis-somma ta' elfejn euro (€2000);"

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:

"……thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Onor. Imhallef Gino Camilleri fl-10 ta' Ottubru 2008 fl-ismijiet premessi u konsegwentement prevja li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut appellant tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat."

Rat ir-risposta tal-attur li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi:

"……l-appell ghandu jigi rigettat u s-sentenza tal-ewwel Qorti kkonfermata – bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellanti."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi din hi kawza fuq allegat malafama fejn l-attur qed jallega li kien gie ingurjat fi stqarrija li kien hareg il-konvenut fit-28 ta' Lulju 1999, li fiha l-konvenut ikkritika l-*policy* tal-Gvern ta' dak iz-zmien dwar esportazzjoni tal-patata lejn l-Olanda. L-attur jallega illi, da parti tal-konvenut, ma saritx biss kritika tal-ftehim li sar, izda gie attribwit lilu agir frawdolenti ghax qed "jahbi" fejn "ghosfru" l-flus li thallsu konsegwenza tal-ftehim. Il-konvenut jghid li l-hsieb tieghu kien biss li jikkritika l-ftehim li l-Gvern ghamel ma' xerreja fl-Olanda peress li minnu l-bdiewa lokali ma gawdew xejn.

L-ewwel Qorti sabet favur l-attur wara li osservat li certi kummenti li ntqalu fl-istqarrija ma kienux bazati fuq fatti u saru biss bl-iskop li jintefa dawl ikrah fuq l-attur.

Il-konvenut ressaq appell mis-sentenza u argumenta illi anke jekk jista' jirrizulta li certi fatti li gew rapportati ma kienux precizi, dak li ntqal ghandu jitqies bhala *"fair comment"* minn politikant indirizzat lejn politikant iehor.

Din il-Qorti tibda biex tirribadixxi l-principju li persuna pubblika ghandha tkun lesta li taccetta kritika u kummenti indirizzati lejn l-agir taghha li jmorru lill-hinn minn semplici espressjoni ta' opinjoni dwar il-korrettezza ta' dak l-agir. Meta din il-kritika, imbaghad, tkun diretta lejn Ministru fil-Gvern minn Shadow – Minister fil-partit tal-opposizzjoni, ghandu jkun hemm tolleranza aktar wiesgha, b'mod li mhux kull kumment qawwi u anke azzardat jikkwalifika bhala ingurja. Intqal diversi drabi, anke mill-Qorti Ewropeja tal-Gustizzja, li *"the limits of acceptable criticism are wider as regards a politician than as regards a private individual."*

Jibqa l-fatt li l-kummenti jridu jibqghu fl-isfera ta' kritika u mhux jimpingu fuq l-operat personali tal-politikant li jkun. F'dan il-kaz, din il-Qorti kienet tiskarta l-allegazzjoni ta' malafama kieku l-konvenut illimita ruhu biex jikkritika l-ftehim li ghamel il-Gvern tal-gurnata fil-kuntest tal-esportazzjoni tal-patata *"sante`"* u juri kif dak il-ftehim ma kienx wassal ghal xi vantagg ghall-bdiewa Maltin. Kien anke jkun korrett il-konvenut illi jitlob spjegazzjoni dwar

fejn marru l-flus zejda li l-Gvern qal li kien akkwista bis-sahha tal-ftehim. Min-naha l-ohra, li tallega li l-Ministru kien involut biex dawn l-eluf zejda "ghosfru" minn taht idejn il-bdiewa, mhux talba ghall-informazjoni, imma allegazzjoni ta' tbaghbis jew frodi da parti ta' Ministru a skapitu tal-bdiewa. Din l-allegazzjoni kellha tigi ppruvata u la ma gietx ippruvata, juri li l-konvenut, meta ghamel dik l-allegazzjoni, ma kellux il-fatti f'idejh izda xorta iddecieda li, kif qalet l-ewwel Qorti, jitfa' dawl ikrah fuq l-attur.

Dak li qal il-konvenut ma kienx *"a value judgment"* fuq l-operat tal-Ministru, gudizzju li ma jkunx suxxetibbli ta' prova; kienet allegazzjoni ta' agir kundannabbli, izda li l-konvenut ma kellux prova li ssehh. Il-konvenut kien fid-dritt jghid, per ezempju, li l-ftehim il-gdid ma kienx wisq ahjar mill-ftehim li hu kien iffirma xi snin qabel meta kien Ministru hu, u li ma jirrizultalux li l-bdiewa hadu l-vantagg mill-ftehim il-gdid li l-Gvern kien qal li se jiehdu, izda li tghid li l-Ministru qed "jahbi" l-informazzjoni u li kellu jispjega kif "ghosfru" il-flus li suppost hadu l-bdiewa imur oltre kritika qawwija, u tidhol fl-isfera ta' attakk personali u allegazzjoni ta' illecita`.

Bl-ebda mod ma jista' jinghad li l-kumment hu *"fair"*, u a bazi ta' dak li kien jirrizulta, ma kienx kumment li *"any fair man would have made".* L-appellant stess jaghmel referenza ghal kaz Ingliz fejn intqal li *"fair comment"* tkun hekk jekk dak li jkun iwiegeb fl-affermattiv ghad-domanda fis-sens li gej: *"would any fair man, however prejudiced he may be, however exaggerated or obstinate his views, have said that which this criticism has said?"* (ara **Stopes v. Sutherland**, citat f'"Gatley on Libel and Slander" para. 728 pagna 312). Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kummenti tal-konvenut ma kienux biss esagerati jew azzardati, izda mhux gusti, u *"a fair man"* kien, forsi, jitlob spjegazzjoni, izda mhux li jressaq allegazzjonijiet inveritjieri kif ghamel il-konvenut f'dan il-kaz.

Il-konvenut ma llimitax ruhu li jaghmel kumment politiku, bhal, per ezempju, li l-Ministru ghamel zball fin-negozjati li kellu mal-Olandizi (li kienet tkun *"a value judgment"*), izda allega habi u sotterfugju fl-implimentazzjoni tal-ftehim, u la

dan l-allegat agir ma giex ippruvat, il-konvenut irid ibati l-konsegwenzi tal-istqarrija inveritiera tieghu.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenut billi tichad l-istess u tikkonferma *in toto* s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez tal-kawza, inkluz dawk in prim istanza, jithallsu kollha mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------